MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Frar, 2006

Numru. 19/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
v

**ROSE GRECH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **ROSE GRECH** mart M'Asngelo Cordina, bint l-mejjet Nicholas Grech u Maria nee Scicluna, imwielda nhar t-tmienja ta' Lulju 1967 u residenti 'Ta'Koli', Triq Dun Anton Tabone, Victoria, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita numru 16867G, giet mressqa quddiemha akkuzat talli fil-hmistax ta' Dicembru 2005 ghal habta tal-hamsa ta'filghaxija kif wkoll fil-wiehed u tletin ta' Dicembru 2005 ghal habta tas-sitta ta' filghaxija, met hekk kienet marbuta b'kuntratt pubbliku datat tletin ta' Awissu 2001 quddiem n-Nutar Silvio Hili, naqset li tghaddi l-kustodja

ta'binha Koli lil zewgha separat Mikiel Angelo Cordina missier Koli, minghajr raguni tajba jew xierqa.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 338(LL) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti inkluz l-kuntratt ta' separazzjoni redatt nhar t-tletin ta' Awissu 2001 quddiem in-Nutar Silvio Hili.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil Rose Grech, lil PS 187 kif wkoll lil imputata tixhed minn jeddha b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat;

Illi mill-assjem tal-provi jidher li hemm attrit kbir bejn l-imputata u zewgha Mikiel Angelo Cordina kif ta' spiss ikun hemm f'sitwazzjonijiet ta' din x-xorta fejn il-konjugi jkunu jisseparaw jew ghadhom kif isseparaw. Dan jaghti lok ghal piki kontinwi u fin-nofs mbaghad, kif jigri spiss, jizfnu t-tfal. F'dan il-kaz tidher li qed jizzeffen fin-nofs t-tifel minuri Kolin.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bic-car li fil-granet indikati mill-Prosekuzzjoni fil-komparixxi, l-imputata naqset li taghti access lil zewgha ghal binhom minuri Koli. Illi hija qalet li ghamlet hekk peress li fil-fehma taghha, kien hemm misunderstanding dwar d-datata tal-hmistax ta' Dicembru 2005 u dwar d-datat tal-wiehed u tletin ta' Dicembru 2005. Stqarret li nizlet Malta ghal weekend w ghalhekk ma setghetx thalli lil binha minuri f'idejn l-impuat ghal ftit sieghat kif jistipula l-istess kuntratt.

Illi Mikiel Angelo Cordina minn naha tieghu jghid li huwa mar ghat-tifel fiz-zewg okkazzjonijiet u dan ghal xejn u kien ghalhekk li ghamel r-rapport relattiv ghand iil-Pulizija Ezekuttiva.

Il-Qorti ma tistax tasal biex tiggustifika n-nuqqas tal-imputata li tottempera ruhha ma dak li hemm fl-imsemmi kuntratt esibit minhabba din r-raguni li qed isemmi hi. Tali

agir huwa biss raguni konvenjenti u komunement moghtija li jekk tigi accettata bhala raguni xierqa, certament tohloq precedent perikoluz li zgur tista taghti lok ghal triq ta' kif xi hadd jista frawdolentement w abbuzivament jehles mir-responsabbilita mpoggija fuqu jew fuqha b'xi ordni bhal dik odjerna.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal sentenza moghtija aktar recenti mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Frar 2005*** **fl-ismijiet il-Pulizija v Isabelle Cilia** fejn gie ritenut li:

*"Sakemm jinbidel l-ordni tal-Qorti b'digriet jew sentenza, l-ordni tal-Qorti Civili jrid jigi rispettat u ma jistx jigi evitat biss bl-agir testard ta' tifel ta' ghaxar snin li zgur ma jippresenta ebda diffikulta biex jigi konsenjata fizikament anke kontra r-rieda tieghu mill-omm lil missier. Altrimenti jigi li dan t-tifel ckejken ikun qed jassumi poteri ta' Qorti ta' Appell jew ta' revizjoni biex jibdel hu l-ordni ta' Qorti."*

Referenza ohra ghandha ssir lejn is-***sentenza moghtija nhar l-hmistax ta' Mejju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali*** **fl-ismijiet il-Pulizija v Jacqueline Zammit** meta ntqal li:

*"Din l-Qorti terga ttenni dak li diga gie ritenut minnha diversament preseduta u cioe li l-ordnijiet tal-Qrati jridu jigu osservati skrupolozament u minghajr tfettieq u kavillar zejjed, inkella facilment f'kazi bhal dawn, fejn ikun hemm element qawwi ta' pika bejn il-mizzewwgin dwar kull haga possibbli w immaginabbli, din il-Qorti trid tigi ridotta f'Qorti t'Appell mid-digriet tal-Qorti Civili. Ir-rimedju ta' min ikun qed jhossu aggravat b'xi digriet tal-Qorti Civili kemm dwar alimenti kif wkoll dwar access, mhux li jiehu l-ligi b'idejh imma li jirrikorri lejn l-istess Qorti li tkun emanat d-digriet jew ordni relattivi u jitlob revoka, varjazzjoni jew aggustament tieghu biex jittiehed kont ta' xi kambjamenti fis-sitwazzjoni."*

Issa' f'dan il-kaz odjern, ma tirrizulta l-ebda raguni xierqa izda biss pika kbira bejn l-imputata u Mikiel Angelo

Cordina li sfortunatament qed twassal sabiex tikkaguna t-trawma kbira fuq il-minuri.

Din il-Qorti tissolecita lil partijiet sabiex jitkellmu bejniethom b'mod serju dwar din s-sitwazzjoni ezistenti qabel mal-istess partijiet ser ikollhom ikellmu professjonista sabiex jikkura lil istess minuri minhabba l-agir irresponsabbli u tal-misthija taghhom.

Illi ghalhekk wara li **l-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 338(LL) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li ssib lil imputata ROSE GRECH hatja tal-akkuza kif dedotta fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal amenda ta' ghoxrin lira maltin.** Din l-amenda qed tinghata ghaliex fil-fehma tal-Qorti, jekk l-imputata tinghata piena pekunjarja hi thossha w ghalhekk l-possibilita hija li ma tirrepetix incident iehor bhal dan, anzi taghmel hilitha kollha biex tevitah**.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------